Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10368 – Advent/Eurazeo/Hoist)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 351/12)

1. Fl-24 ta' Awwissu 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Advent International Corporation ("Advent", l-Istati Uniti tal-Amerka);

— Eurazeo SE ("Eurazeo", Franza), kif ukoll

— Hoist Group Holding Intressenter AB ("Hoist", l-Isvezja).

Advent u Eurazeo jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Hoist kollu kemm hu.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Advent: Advent hija investitur tal-ekwità privata li tiffoka fuq: (i) l-akkwist ta' ishma ta' ekwità (kemm dawk li jikkontrollaw u kemm dawk li ma jikkontrollawx) f'kumpaniji fejn hija temmen li kapital ġdid itejjeb il-prospetti futuri tal-kumpanija għat t-tkabbir; kif ukoll (ii) il-ġestjoni ta' fondi tal-investiment. Bħala investitur ta' ekwità privata, Advent għandha diversi setturi, inklużi l-industrijali, il-ħwienet, il-media, il-komunikazzjonijiet, it-teknoloġija tal-informazzjoni, l-internet, il-kura tas-saħħa u l-farmaċewtiċi;

— għal Eurazeo: Eurazeo hija kumpanija tal-investiment ikkwotata fil-Borża b'portafoll ta' diversi biljuni ta' euro f'assi diversifikati. L-għan tagħha huwa li tiskopri, taċċellera u ssaħħaħ il-potenzjal ta' trasformazzjoni ta' kumpaniji ta' kull daqs li fihom hija tinvesti. Hija għandha tliet attivitajiet prinċipali: l-ekwità privata, id-dejn privat u l-proprjetà immobbli. kif ukoll

— Hoist: Hoist hija s-sieħeb tal-ospitalità għal-lukandi u operazzjonijiet pubbliċi li tipprovdi soluzzjonijiet ta' aċċess għall-internet b'veloċità għolja, servizzi ta' konferenzi, sistemi ta' ġestjoni tal-proprjetà u software għall-back-office kif ukoll faċilitajiet li jilqgħu n-nies wiċċ imb'wiċċ.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jitqies għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja trid tiġi dejjem indikata:

M.10368 – Advent/Eurazeo/Hoist

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË